# IL-KARTA L-ĠDIDA TAL-€5

Fit-2 ta' Mejju 2013 l-karta l-ġdida tal-€5 tidħol fil-pajjiżi kollha taż-żona tal-euro. Importanti li tkun taf il-karatteristiċi tas-sigurtà tal-€5 l-ġdida.

**www.wiccgdidtaleuro.eu – www.centralbankmalta.org**







## Ħoss

### Kif tinħass il-karta

Ħoss il-karta tal-flus. Tinħass tqarqaċ u soda.

### Stampar imqabbeż

Ħoss il-karta tal-flus. Fuq in-naħa ta' quddiem hemm sensiela ta' linji qosra mqabbżin fit-truf tax-xellug u tal-lemin. Ix-xbieha ewlenija, l-ittri u n-numru l-kbir tal-valur ukoll jinħassu eħxen.




## Ħares

### *Watermark* bil-wiċċ

Ħares lejn il-karta tal-flus kontra d-dawl. Ix-xbieha mitfija tidher aktar ċara u turi l-wiċċ tal-figura mill-mitoloġija Griega, Europa, il-valur tal-karta tal-flus u bieb (tieqa).

Il-wiċċ jidher ukoll fl-ologramma.




## Mejjel

### Ologramma bil-wiċċ

Mejjel il-karta tal-flus. L-istrixxa kulur il-fidda fuq il-lemin turi l-wiċċ ta' Europa – l-istess bħalma jidher fil-watermark. Fl-istrixxa jidhru wkoll bieb (tieqa) u l-valur tal-karta tal-flus.




### Numru aħdar żmerald

Mejjel il-karta tal-flus. In-numru jleqq fir-rokna t'isfel tax-xellug juri effett bid-dawl li jidher miexi 'l fuq u 'l isfel. In-numru jibdel il-kulur ukoll minn aħdar żmerald għal blu skur.

**Id-denominazzjonijiet l-oħra (€10, €20, €50, €100, €200, €500) se jibdew jinħarġu mill-2014.**

**IL-KARTA TAL-€5 LI QED TINTUŻA BĦALISSA TIBQA' VALUTA LEGALI**

BANK ĊENTRALI EWROPEW
EUROSISTEMA

BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA